MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CAROL PERALTA

Seduta tas-16 ta' Gunju, 2014

Numru. 570/2014

**PULIZIJA**
**SPETTUR JOSEPH MERCIECA**

**VS**

**MARY ANNE BORG**

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija Mary Anne Borg, detentrici tal-Karta tal-Identita` numru 474584 (M).

**Akkuzata talli:**

B'diversi atti maghmulin mill-istess imputata, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. Nhar it-30 ta` Mejju, 2014, ghal habta tat-tlieta ta` wara nofsinhar (15:00hrs), minn gewwa il-fond numru 475, Triq il-Vitorja, Qormi, ikkommetiet serq ta` kartiera, kontenenti flus kontanti u xi dokumenti, liema serq hu aggravate bil-valur, li jeccedix l-elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), u bil-lok, liema serq sar ghad-dannu tal-koppja Benjamina u Ludgarda konjuga Brancaleone, u/jew ta` xi persuna/i u/jew ta` xi entita` u/jew entitajiet ohra;

2. Nhar l-4 ta` Gunju, 2014, bejn nofsinhar (12:00hrs) u siegha ta` wara nofsinhar (13:00hrs) minn gewwa fond numru 2, Triq Bir ir-Riebu, Rabat, ikkommetiet serq ta` portmoni kontenenti flus kontanti u xi dokumenti, liema serq hu aggarvat bil-lok u li sar ghad-dannu ta` Carmela Ciantar, u/jew ta` xi persuna/i u/jew ta` xi entita` u/jew entitajiet ohra;

3. Nhar il-11 ta` Gunju, 2014, ghal-habta tal-hamsa u nofs ta` filghaxija (17:30hrs), mill-fond numru 4, Triq l-Assunta, marsa ikkommettiet serq ta` flus kontanti, liema serq hu aggarvat bil=lok u li sar ghad-dannu ta` giuseppa Busuttil, u/jew ta` xi persuna/i u/jew ta` xi entita` u/jew entitajiet ohra.

Iktar, talli fil-11 ta` Gunju, 2014, u/jew fil-jiem u/jew fix-xhur ta` qabel, f'dawn il-Gzejjer:

4. Ikkommettiet serq ta` flus minn appartament fomanti parti minn Bini tal-Gvern fi Triq il-Wied tal-Imsida, Imsida, liema serq hu aggravat bil-lok, ghad-dannu ta` persuna mhux maghrufa;

5. B'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamlet uzu ta` ismijiet foloz, jew ta` kwalifiki foloz, jew billi inqdiet b'qerq iehor, ingann, jew billi wriet haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta` intraprizi foloz, jew ta` hila, setgha fuq haddiehor, jew ta` krediti mmaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza` dwar xi grajja kimerika, ghamlet qliegh bi hsara ta` haddiehor ta` iktar minn mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda mhux aktar minn elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), ghad-dannu ta` diversi persuni, uhud minnhom mhux maghrufa;

6. Naqset milli thares xi wahda mill-kundizzjonijiet impost fuqha b’digriet tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), Magistrat Dr. Claire Stafrace Zammit LL.D., datat l-ghoxrin (20) ta` Dicembru 2013, li permezz tieghu l-istess imputata kienet inghatat il-helsien mill-arrest taht diversi kundizzjonijiet, fosthom li ma tikkommettix delitt iehor ta` natura volontarja.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex flimkien mal-piena applikabbli ghall-imsemmi reat, tirrevoka *contrario imperio* d-digrieti tal-helsien mill-arrest datat ghoxrin (20) ta` Dicembru 2013 u tordna l-arrest mill-gdid tal-imsemmija Mary Anne Borg. Kif ukoll, li tordna li s-somma ta` hames t’elef Ewro (€5,000), bhala garanzija personali, li giet imposta fuqha sabiex taghmel tajjeb ghall-beneficcju tal-helsien mill-arrest, jghaddu favur il-Gvern ta` Malta, kif stipulat fl-Artikolu 579 (3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Finalment, akkuzata wkoll, talli fl-14 ta` Gunju, 2014 u/jew fix-xhur ta` qabel, f’dawn il-Gzejjer:

7. Meta l-indirizz fuq il-Karta tal-Identita` tal-imputata ma baqax iktar validu, jew, xot’ohra, ma baqax iktar korrett, minghajr dewmien, hija naqset milli tirraporta l-fatt lill-ufficjal awtorizzat u naqset milli tikkonsenja l-istess Karta tal-Identita` mhux korretta lil, u li taghti dak it-taghrif kollu li jkun mehtieg minn, dak l-ufficjal.

**Il-Qorti:**

Wara li semghet il-provi kollha prodotti u ezaminat id-dokumenti esibiti;

Wara li hadet in konsiderazzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Wara li l-imputata ammettiet l-imputazzjonijiet lilha addebitati u wara li nghatat zmien xieraq ghall-ripensament fejn ikkonfermat l-ammissjoni taghha;

Wara li rat l-Artikoli 18, 261, 267, 269 (g), 278 (3), 279 (a), 280 (1), 281 (a), 308, 310 (1) (b), 579 (1) (2) (3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Il-Qorti ghaddiet ghas-sentenza fuq l-ammissjoni bikrija tal-imputat.

**Ikkunsidrat:**

Illi in ammissjoni volontarja u kkundizzjonata tal-imputata ghall-imputazzjonijiet lilha addebitati mill-prosekuzzjoni, ma jhallu ebda alternattiva ohra lil din il-Qorti hlief illi ssib lill-imputata hatja fuq l-akkuzi li lilha gew addebitati.

Ghaldaqstant, dina l-Qorti tikkundanna lill-imputata sentejn (2) prigunerija sospizi ghal sentejn (2) taht supervizjoni ai terminu tal-Artikolu 28G tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Il-Qorti tordna lill-imputata thallas id-danni favur il-*parte civile* fi zmien sitt (6) xhur mil-llum ai terminu tal-Artikolu 28H tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Il-Qorti tirtira ghall-Helsien mill-Arrest moghtija precedentament fl-20 ta` Dicembru, 2013, izda tordna li d-depozitu ma jintilifx.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------